# Ċ 4.3 IX-XOGĦOL



**Ċ4.3.2**

Nidentifikaw u nesploraw x'uħud mis-snajja' u x-xogħlijiet tradizzjonali.

## A. Imla l-ismijiet tas-sengħa jew ix-xogħol mil-lista.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ragħaj | xufier tat-taxis | il-landier | il-ballata tal-bjut | bidwi |
| il-ħaddied | bizzilla | insiġ tal-lożor | gwida | ganutell |

1. Żewġ xogħlijiet li llum m'għadekx issib min jagħmilhom:

a) ____________________ b) ____________________



2. Żewġ snajja' li jsiru bil-paċenzja bl-idejn (artiġjanat):

a) ____________________ b) ____________________

3. Żewġ xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ħafna mat-turiżmu:

a) ____________________ b) ____________________

4. Żewġ snajja' antiki li llum għadhom isiru, imma rari ħafna:

a) ____________________ b) ____________________

5. Żewġ ħaddiema li xogħolhom marbut mal-kampanja

a) ____________________ b) ____________________

## B. Wieġeb dawn

1. Il-ballata kienu jagħmlu taħlita jgħidulha deffun. Id-deffun kien isir minn taħlita ta' fuħħar u ċaqquf. Il-ballata kienu jballtu l-bjut biha biex l-ilma tax-xita ma jinfidx mis-saqaf.

   X'nużaw illum minflok id-deffun biex nagħmlu s-soqfa tad-djar tagħna?

   __________________________________________________

   __________________________________________________

2. In-nissieġa kienu jaħdmu n-newl biex jinsġu ġożor magħmula mis-suf tan-nagħaġ; dawn kienu jsaħħnu lil min jitgħatta bihom fil-bard tax-xitwa. X'nużaw illum minflok il-ġożor tas-suf?

   __________________________________________________

   __________________________________________________

3. Dan li jidher fir-ritratt tal-lemin huwa xogħol bil-ganutell.

   Dan ix-xogħol inħadem bl-idejn jew b'xi magna?

   ______________________________________

   ______________________________________



4. Fejn taħseb li nsibu ħafna xogħol ta' ganutell?

   __________________________________________________

5. Għaliex taħseb li huwa tajjeb li nibqgħu nitgħallmu kif naħdmu l-ganutell?

   __________________________________________________

   __________________________________________________



6. X'jissejjaħ il-prodott li jidher fir-ritratt tal-lemin?

____________________________________________

____________________________________________

7. Min jixtrih l-iktar?

____________________________________________

8. Għaliex taħseb li huwa importanti li l-Maltin jibqgħu jitgħallmu din is-sengħa?

____________________________________________

____________________________________________

9. X'taħseb li jinbiegħ minn fuq dil-mejda li qed taraw armata fil-festa tar-raħal?




____________________________________________

____________________________________________

10. Liema ingredjent jintuża ħafna biex isir dal-prodott?

Agħżel wieħed minn dawn: il-laring, il-lanġas, iz-zokkor, il-laħam



11. X'jissejjaħ il-prodott li qed tara fl-istampa?

____________________________________________

____________________________________________

12. Minn xiex ikun magħmul?

______________________________________________________________________

13. Għalfejn jintuża l-iktar?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Ċ. Il-Mużew tal-Folklor




Ara dan il-vidjow fuq il-Mużew tal-Folklor:

http://youtu.be/OItKcC41xuM

1. Il-Mużew tal-Folklor nistgħu nżuruh
   a) l-Imdina.
   b) il-Birgu.
   ċ) iċ-Ċittadella.

2. Il-bini li fih jinsab il-Mużew huwa
   a) ġdid. b) qadim ħafna. ċ) taż-Żmien Preistoriku.

3. Fil-mużew hemm ħafna għodda
   a) tal-bdiewa. b) tal-aluminju. ċ) biex issewwi l-kompjuters.

4. Nistgħu naraw kif fl-antik
   a) it-tfal kienu jlagħbu bil-karozzi.
   b) is-sajjieda kienu jaqbdu l-ħut.
   ċ) l-irġiel kienu jilagħbu l-basketbol.



5. Il-Mużew tal-Folklor infetaħ għall-pubbliku
   a) ħames snin ilu.
   b) kważi 30 sena ilu.
   ċ) mitejn sena ilu.

6. Fil-mużew nistgħu naraw kif kienu
   a) jitħnu l-qamħ. b) isewwu l-karozzi. ċ) l-ewwel mowbajls.

7. L-għodda li kien juża l-bidwi fil-passat nistgħu narawha fis-sular
   a) ta' fuq. b) tan-nofs. ċ) t'isfel.

8. Fil-Mużew tal-Folklor nistgħu naraw ċombini antiki li bihom kienu jaħdmu
   a) l-għasel. b) l-bizzilla. ċ) l-melħ.

9. Fil-Mużew tal-Folklor, fost ħwejjeġ oħra, nistgħu naraw kif fil-passat in-nisa kienu jilbsu
   a) l-għonnella. b) l-boots. ċ) l-kowtijiet.

## D. Intervista

Agħmel intervista ma' xi ħadd kbir fiż-żmien, bħan-nanniet jew xi nies oħra viċin tiegħek. Staqsihom fuq ix-xogħol li kienu jagħmlu fi żmienhom. Ikteb paragrafu fuq dak li qalulek.

